# IN-NAHLA

TA

AUGUSTIN LEVANZIN

RIVISTA PERIODICA ANGLO-MALTIJA

BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu mal meħtieġ.*

IL POETA LATIN ORAZJU.

**181** | **IR-RABA SENA** | **SOLD BISS.**

DIRETTUR-PROPRIETARJU
PROF. AUGUSTIN LEVANZIN, B.A., D.PH., LL.B., D.PS., CH.F.
60, It-Triek tal Loġġa, Raħal Ġdid, Malta.

MANAGER U CAXXIER: FRANCIS CONSIGLIO-LEVANZIN
60, It-Triek tal Loġġa, Raħal Ġdid, Malta.

ABBONAMENT: Għandna, għand is-Sur Ġanni Muscat, Strada Mercanti, u għand il Libreria Critien, Strada Reale, il Belt.

HLAS:—*Erba xelini cull tnejn u ħamsin numru; żeŭġ xelini cull sitta u għoxrin numru; xelin cull tlittax in-numru, bil kuddiem, posta barranija. Numru ta kabel żeŭġ soldi. Tistgħu tibagħtu bħala ħlas bolli tat-tlieta.*


## SEJHA LILL CLERU

Lilcom, lill veri sacerdoti ta Sidna Gesù Cristu, jena nagħmel dina is-sejha bil hrara ta kalbi coll'a.

Lilcom nagħmila għaliex versu lejcom għandi rispett u nhoss ammirazioni l'actar cbar billi naf tajjeb li ftit uma fostcom il *black sheep* li ma dahlux fil missioni nobilissima tas-sacerdoziu għall imħabba tal poplu u għall gid tal erwieh.

Lilcom nagħmila għaliex fostcom chelli u għad għandi ħafna mil egħżeż ħbieb li jfarrġuli hajjti u li naf li lejja ma għandomx ħlief imħabba safja u rispett l'actar cbir.

Lilcom nagħmila għaliex jena naf ben tajjeb li fostcom emm bosta mil aħjar imħuħ u mil klub l'actar generusi tal Gżejjer tagħna, u li għalecc ma tonksux li tatuni dakka ta id sewwa fix-xogħol cbir u ta htiega li rfajt fuk id-dgħajfin spallejja biex indaŭŭal u ngħin il popolin.

Lilcom nagħmila għaliex intom il vera classi indipendenti tal Gżejjer, li ma għandcom bżonn tmilu ma l'ebda partit politicu u li ma għandcom l'ebda bżonn li tibżgħu mil babaw ta hadd, u għalecc tistgħu tagħmlu liberament dac li jsejjah dmircom scond il coxienza tagħcom ta veri sacerdoti ta Cristu.

Lilcom nagħmila għaliex min bhalcom u dakscom jaf f'liema injoranza l'actar cbira, f'liema miseria li twahhax jinsab dan l'imsejchen popolin li jena waħħalta f'rasi li niddedica għad-dawlan, għall għajnuna u għall fidwa tigħu il ftit snin hajja li bakagħli u cull ma għoġbu il Hanin Alla jatini u jżejjinni bih

Lilcom nagħmila għaliex intom biss mil injuranza, mil miseria, mil abbruttiment tal popolin ma tirbħu xejn u għalecc ma tfixclunix u ma ticcumbattunix biex ingħaddih il kuddiem.

Lilcom nagħmila u mux lit-tobba għaliex naf li dawna jgħixu, u bosta minnom jismnu, minn fuk il mard tal poplu, u għalecc ma għandom l'ebda interess, anzi il cuntrariu, li jifthu għajnejn il popolin bis-serietà u l'onestà coll'a halli dana mux biss jitgħallem chif jibża għall sahħtu izda chif jilka mil bogħod il mard ucoll.

Lilcom nagħmila għaliex intom tafu chemm uma marbutin intimament flimchien is-saħħa u il moralità, u li dejjem il *mens sana*, il mentalità normali, equilibrata, tinsab fil *corpore sano*, fil ġisem b's*a*hħtu, u għalecc ù interess tagħcom li il popolin icun b'sahħtu halli jahseb u halli jħoss normalment, u b'ecc jevita dawc id-drawwiet ħżiena li mux biss igħarrkulu sahhtu iżda jġarrfuh ucoll fid-dnub.

Lilcom nagħmila għaliex naf li intom tifmuni meta ngħidilcom, chif ġa tafu tajjeb, li meta il cap ta familja jimrad u jitlef il paga jew il post, u jrid tant spejjes għat-tobba, għas-sustanzi u għal medicini, il Miseria kalila tiffaċċa fil bieb hoġora mimli b'elf tentazioni għall martu o għall uliedu minn dawc li japprofittaw irwiehhom biex jixtru l'erwieh it-tajjba bil flus mokżieża tal corruzioni.

Lilcom nagħmila għaliex intom tafu daksi u actar minni li sa chemm il cap tal familja ù b'sahħtu u jaħdem u jaklahha tajjeb li jista allura mux biss ibigħed minn daru it-tigrif tal bżonn icreh iżda jista ucoll iżomm għajnejh miftuħa berah u jindocra mil lpup karrieka il merħla tigħu.

Lilcom nagħmila għaliex intom ma iddaħħlu xejn ġo butcom bl'alcoolismu icreh u sfacciat li kiegħed jirvina mux biss tant erwieh u jwakkaħhom fid-dnubiet l'actar coroh iżda ucoll kiegħed igħarrkilom sahhitom, moħħom

klubom u butom bil conseguenzi serii coll'a li ma umiex in armOnia u scond l'ideali elevati tar-Religion sacrosanta li tagħha intom id-difensuri, u il għallemin.

Lilcom nagħmila għaliex jena naf ben tajjeb li nsib fostcom hafna u hafna veri sacerdoti zelanti u tal coxienza li jgħenuni fit-taktigħa harxa li bi hsiebi nkankal b'hilti coll'a contra l'usu tal alcool f'cull forma tigħu u contra il viziu icreh, dannus u pastas tat-tipjip u contra drawwiet oħra hżiena u degradanti li mad-dannu cbir tar-ruh u tal gisem kiegħdin jisirku min but il popolin ġa mgewwah tagħna il belli flejjes biex jahtafom il clubi Sanghisug Frustier.

Lilcom nagħmila għaliex intom, actar minn cullhadd tisimgħu il ġlied fil familja meta il cap imur id-dar wara li jcun tajjar fix-xorb u fit-tipjip u allura f'vizi u f'pericoli oħra dawc il ftit xelini li l'omm tcun kiegħda tistenna bhal bieb Alla biex trejjak ir-ruxxmata tfal li ghanda bosta minnom bla sahha jew nofs miflugin għax generati taht l'influenza fatali tal whisky jew tal vinaz.

Lilcom nagħmila għaliex intom l'actar li tisimgħu il bichi tal iltiema meta missierom icorri, jaka jew imut għax chien xurban jew għax rasu mgħerula b'alcool degenerativ, mitluf il controll necessariu, tkabad, fiera, tgħajjar, chisser, jew katel u mar il habs u tilef hobżu jew tala il forca bhal ma ġara tant drabi u bhal ma jigri cullimchien.

Lilcom nagħmila għaliex dana il bichi sfieki u bla sabar tal iltiema naf sgur li jmiss il kalb hanina tagħcom u għalecc meta jena nitlobcom bil hrara coll'a li tatuni dakka t'id fil missioni tigħi contra il viziu u id-drawiet il hżiena u it-tberbik tal flus ma iddawrux wiċċcom u tparpru il barra, ma tibżgħux mit-theddid ta li sfruttaturi jew tad-degenerati billi intom ma tfittxu l'ebda voti politici biex titilgħu fil għoli halli tahcmu il pajjis a dannu tal haddiem u tal popolin u tal familji u l'iltiema tagħhom.

Lilcom nagħmila għaliex il classi tagħcom tatna lil dac il kaddis tal carità. Fra Diegu, u tant klub nobbli oħra, u tant imhuh imdawlin oħra, li iddedicaw, bla ma tniccru u bla ma gewsu, bla biża u bla tama ta profitt, b'altruismu l'actar ammirabili, bi hrara ta mhabba li tgħaġġeb, il hajja preziusa tagħhom biex igħinu il fkir jew ulied il fkir u biex jatuom id-dawl li għandom bżonn biex jimxu fit-triek it-tajjba għall gid tagħhom, ta cullhadd u tal pajjis.

Lilcom nagħmila dina is-sejha bil hrara ta kalbi coll'a għall'għajnuna, għal'cooperazioni tagħcom għaliex intom tifmu chemm ù tkil il pis li rfajt fuk dahri u li wahdi mux biss ma nasalx fuk il kuċċata mdawla tal fidwa fejn nixtiek tant nasal bih, iżda li jena actarx nogħtor u naka mgħaffeġ taht it-tokol tigħu fost id-dahk u l'insulti ta dawc coll'a li jismnu u jitbagħirdu minn fuk demm il fkir, il marid u l'injurant.

Mela nitlobcom b'kalbi coll'a, atuni dakka t'id halli nirfed dic il moralità, dic il paci tal familji, dic il prosperità tal poplu baxx li terfgħu mil miseria periculusa u għinuni nxerred il chelma tigħi ta fidwa fid-djar, fil casini, fil pjazez, fl'ischejjel, bil chitba jewbil fomm, għall gid ta cullhadd.

Lilcom nagħmel dis-sejha u muxilill classijet sfruttaturi u parassitari għaliex nistenna l dawn, billi jokrosom bl'icreh, ikankluli l'actar guerra feroci halli jaraw chif igħerrxuni, chif jaktgħuli kalbi, chif jagħwu lil popolin għama halli ma jatix widen għall chelma it-tajjba tigħi.

Intom biss tistgħu tfehmu lil popolin u lil haddiem specialment li dac li ked ingħidilom ù għall veru gid tagħhom u intom biss għandcom fukom dic l'influenza cbira li biha tmixxuom fit-triek it-tajjba għall gid mux biss ta ruhhom iżda ta gisimom u ta butom ucoll.

Lilec specialment, ja Ragħaj Mahbub tagħna, nitlob għarcopptejja li tusa il chelma tigħec ta incoraggiment u ta hniena halli megħjun minn hafna mil kaddejja fidili tigħec nasal fejn tant nixtiek, li nati ftit tad-dawl, ftit tal għajnuna, ftit tas-solliev lil merhla bżonnjusa tigħec li tant thobboc u tirrispettac. Amen.

---

## IL CAS FRENDO-AZZOPARDI

Malta coll'a bi hġara mixgħula xewwexia wahda fuk li l'Avucat Victor Frendo-Azzopardi gie mil Gvern imnehhi misservizz, mil carica onorifica u lucrusa li chellu ta Avucat tal Curuna. In Nazionalisti, u specialment il "Midday" tagħhom, bir-ragħwa hadra fil halk velenus u mokżież tagħhom kiegħdin jehduha chemm jifilhu u jxewwxu il poplu injurant u jinsultaw b'mod l'actar icreh lil Strickland biex jitfgħu il balla coll'a fuku.

Jena studiajt il cas tajjeb bl'imparzialità u l'onestà coll'a u nsib illi il htia tar-rovina tal Avucat Frendo-Azzopardi ì coll'a tan-Nazionalisti. Victor ma ùx hlief il povra vittima tal kerk u tal mibegħda tagħhom għal Strickland. Iva Victor ù il veru scapegoat tagħhom u mux ta Strickland jew tal Costituzionali. Għala? Jena lil Victor nafu tajjeb hafna. Victor ù it-tip tal veru gintlom; educat, pulit, intelligenti, modest, capaci u kalbu tajjba. Victor ma ùx capaci minn jeddu jagħmel azioni hażina lil hadd jew li jivvendica ruhu. Dana jafuh ben tajjeb il capiet karrieka u cattivi tan-Nazionalisti u għalecc approfittaw irwiehhom minn dina id-debolezza ta gintlom u ta kalb tajjba tigħu. Victor jisthi jgħid le, jew jinnega favur specialment lill hbiebu.

Għaldakstant meta il capuriuni tan-Nazionalisti riedu jiccommettu dic il porcheria li tkażżeż, dica il vendetta l'actar infami li fli storia ma tmut katt mal agir tal Borgia u tat-Torquemada, dac id-delitt li lankas l'anarchici u il bolxevisti tar-Russia ma joholmu wiehed icreh daksu, sabu lil dan li strument L'ewwel chif jintgħad talbu lil Magistrat De Pasquale. Dan għakli u fin u billi jaf ben tajjeb il maganii tagħhom irrifiuta ta veru gintlom jehu parti f'porcheria schifusa bhal din. Il Magistrat Xerri, fin u macacc, scarta helu helu u wasal tard sulla scena del delitto bhala spettatur.

Dan l'att ta Victor, anche jecc ù *an error of judgement* chien ta responsabilità cbira f'mument criticu bhal dac. Mux biss iżda bl'affidavit ta Terinu riedu itebbgħu l'unur, l'actar haġa li għandu għażiża f'hajtu l'onest u il galantom, ta bniedem li illum cullhadd jaf li chien innocenti, iżda li għal ftit ma zamnux lill Strickland barra mil poter u dahhal mil ġdid il bojjet ta paisna. *Volens nolens*, ried jew ma riedx, Victor serva ta istrument periculus hafna f'idejn dawn il manigoldi schifusi ta hbiebom il għeżież stess. Victor ù intelligenti biżżejjed biex sata fehem il gravità u l'importanza tas-situazioni u ma chien imissu katt ċappas idejh allavolia chien l'incaricu tigħu billi chien jaf għala dac l'affidavit chien sejjer isir jew almenu chien imissu jżomm għajnejh miftuha u jifhem u jirrifiuta bil curagg u il giustizia coll'a.

Mela jecc dic il porcheria saret Victor chien almenu l'istrument innocenti tagħha, u billi il carica li chellu ì ta responsabilità u ta delicatezza l'actar cbar emm bżonn li il Gvern jatih lezioni kawwia bhal ma tah halli l'ufficiali ta dana il Gvern jifthu għajnejom u ma jservux ta xemgħa għal scopi karrieka u ta vendetta. Victor bli ġara tilef il fiducia tal Gvern u tal poplu u ma sata katt iżied joccupa il post li chellu jew ihor bhalu. Victor tgħallak b'idejh stess bil habel li newwlulu hbiebu il għeżież u shabu stess.

Irrid nifrah ucoll lil Banda ta pajjis tfuliti u żgħużiti, tal belt glorjusa, balŭard tal Patrija u tal Cristianesimu, art żgħira fil ŭisa iżda cbira tasseŭ fil kalb u fil hila, għall Casin tasseŭ sabih u grandjus li għandom billi xtraŭ l'isbah dar li emm fil Birgu, dic li chien bena is-Sur Chelinu Soler fil Piazza ta emm. U fl'aħħar nett irrid infaħħarom ucoll għal veru patriottismu sincier u illuminat tagħhom, billi bla ma jżommu fanaticament ma l'ebda partit dejjem imbuttaŭ il kuddiem bhala cittadini onesti li uma lil daŭc li tasseŭ ihobbu il poplu u mux lil bojjet hajjna u mgeŭŭhin tigħu.

Jiddispiacini hafna li billi il Banda ta pais twelidi, Bormla, għanda bhal Surmast taljan, bravissimu iżda taljan u faxxista sfegatat u billi bhala President għanda lil Gross li nolkota fuk imniehira mux għax ma nhobbiex hafna bhal ma gia ctibt kabel iżda biex dejjem tohroġ ta vera banda patriottica bhal ma bil kalb nixtiek. Il verità ingħida chif inhossa auche contra hbiebi ucoll.

*Amicus Plato sed magis amica veritas.*

---

## IL LINGUA UNIVERSALI IDO

ma ix haġ'ohra ħlief l'Esperanto riformat mil aħjar lingŭisti tad-dinja, fl'aħħar hamsa u għoxrin sena. Intom tafu chemm cont ħabrict biex inxerred l'Esperanto f'Malta u għalecc tistgħu tahsbu li ŭara daŭn is-snin coll'a ta studju u contatt mal aħjar internazionalisti tad-dinja chemm kalbi għada taħrakni biex inxerred dan l'ilsien internazionali, l'Ido, il kuddiem. Jena bi hsiebi nati corsi u conferenzi u nicteb fuku fit-tul fin-"Nahla", għaliex naf li mux biss ŭiehed jista jitgħallem dina il-lingŭa sabiha u hafifa fi ftit żmien iżda li ì ta utilità cbira ucoll billi ŭiehed jista ġa jiccomunica biha ma tnejn u sebgħin nazjon. Min jaf bit-taljan jista jitgħallem jakraha fi ftit minuti billi għanda accent ŭiehed regolari b'eccezjoni uahda biex tagħmel il-lingŭa actar internazjonali. Uiehed jista jitgħallem il grammatica f'nofs siegħa biss u jecc ŭiehed jaf biżżejjed bit-taljan, jeŭ francis u inglis tajjeb jista jicteb ittra, bi ftit sbalji, ŭara studju ta ftit siegħat bhal ma għamlu bosta.

Meta ŭiehed jehu in considerazioni il heffa li biha ŭiehed jista jitgħallima b'passatemp, u il cbira utilità tagħha billi ġa għandna rivisti, cotba, etc, u eluf ta nies ta cull grad u għerf li ŭiehed jista jithabbeb u jiccomunica magħhom, irid icun ŭisk dgħajjef u żaŭŭali biex jitlef dina l'opportunità ecc cbira. Spejjes ma emm ta xejn billi il corsi li bi hsiebi nati icunu b'xejn u billi il corsi u il grammatica u il letteratura jidru fin-Nahla. Jena bi hsiebi il kuddiem nicteb articoli tŭal bl'Ido fuk Malta, il għażiża gżira tagħna, fuk il ġmiel u il clima hlejju tagħha, fuk li storja glorjusa tagħha, fuk l'importanza u l'avvenir strategicu tagħha, fuk in-nies cbar li tŭieldu fiha, x'ŭhŭd minnom ta fama mondjali ucoll.

Xi tliet xur ilu jena għamilt f'Zurich, fli Svizzera, conferenza bl'Ido ta sagħtejn fuk Malta u l'ilsien tagħha kuddiem l'Assemblea Idista ta emm u il cotra ta nies intelligenti li chien emm hadet gost tasseŭ billi il bicca il cbira ma chienu katt lankas biss semgħu bl'isem ta Malta, u stagħgbu meta ŭrejtom car chemm sŭeŭ il glorjusi missierijetna biex salvaŭ ic-civilizzazjon occidentali mil killa tat-Toroc. Stagħgbu ucoll meta fehimtom li il Malti mux biss ù lingŭa u lingŭa mil actar nobbli u antichi tad-dinja u mux *"gergo"* bhal ma peclak dac il buffun injurant ta Randon, iżda ucoll li fil letteratura maltija għandna capolavori bhal ma uma bosta poesiji ta Cachia, Muscat-Azzopardi u Psaila u romanzi originali bhal l'Inez Farrug tal mibchi u għaref habibi Manuel Caruana. Nitma li il kuddiem insib hin biżżejjed biex nittraduci dan il ġaŭhar bl'Ido halli id-dinja coll'a tcun taf li ahna il Maltin chellna u għad għandna genji, a proporzjon tal cobor tagħna, mux ankas minn ġnus ohra. Jena bi hsiebi nharreġ xi ftit mil istudenti intelligenti tal corsi tigħi biex jitgħallmu l'Ido tajjeb tasseŭ bhal ma jafu ġa il habib antic tigħi u ŭiehed mil eŭŭel studenti li chelli f'Malta xi għoxrin sena ilu, Għejtan Grixti, il hajjat intelligenti tal Gudja, halli nohroġ rivista coll'a bl'Ido, – "L'Abelo" (In-Nahla) li fiha jidru traduzjonijet mil articoli tigħi tan-Nahla. B'ecc inxerrdu l'isem ta Malta u tal Maltin mad-dinja coll'a u nuru li ahna ma ahniex agħar minn ġnus ohra meta insibu tasseŭ min igħallimna u jagħmilna il kalb.

Nitlob lil daŭc colla li jixtieku jitgħallmu l'Ido li jictbuli halli fejn icun emm l'actar numru ta studenti nibda leŭŭel corsijet. *Ka vu deziras lernar Ido?*

## IL LAND-TAX.

Jena bi hsiebi nicteb fit-tul il kuddiem fuk dina il question important, specialment billi ì wahda mil condizioni fondamental tal program tal Labor Party.

Jena krajt l'articolu tad-direttur tal "Habib" u jidirli li għandu tort biex ibih mux biss iżda li ua għal tal apposta jew għax fanaticu u injurant ried jisserva bir-religion imkaddsa, li ua ù ministru tahha, biex isahhan il kiegħa u jxewwex lil fanatici u li mzazen tal popolin li għandom tant fiducia fil ministri t'Alla, biex jagħmel hsara lis-Sur Orlando, lill Labor Party u għalecc lill haddiema li jemmnu bil Land-Tax.

Dana jagħmlilom hsara cbira billi jpingiom suwed u jati camp lill għedewwa tagħhom li jcasbruom, li jattaccawom bhala masuni, li jfixcluom fl'elezioni bhal ma gia għamlu u x'naf jen. Dan ma ù xejn sewwa u jecc dana id-direttur tal "Habib", għad li ù sacerdot u wiehed mil guappi għandu tort emm bżonn li ncunu nafuh ahna u il pubblicu ucoll halli ahna ncunu nafu x'nictbu fuk dina il question important bhala nsara, u halli il pubblicu nisrani ucoll icun jaf x'għandu jemmen u jagħmel. *Fiat lux!*

Il haddiem u il Labor Party specialment emm bżonn li jcunu jafu x'inì il fehma tal Cnisja sewwa fuk din il question halli ma thallix dawna id-dubii coll'a fil coxienza u dana it-tahwid collu fil moħħ ta li nsara.

Għalecc jena ctibt dina l'ittra lill għaref, kaddis u indipendenti politicament, Patri Carmelu tal Bambin Gesù, il Provincial tat-Teresiani tal Cunvent ta Bormla, billi gie mahtur mil Iskof mahbub tagħna bhala Consultur tan-Nahla, halli ua jiccomunica ma l'autorità u b'ecc incunu nafu x'inì il fehma tal Iskof u tal Cnisja fuk dina il question li kanklet u xewwxet il pais collu.

Malli dana il Consultur jiccomunicali id-decision tigħu jena mil actar fis li nista nistampahielcom fin-"Nahla."

Billi nhalluha mdendla fl'airu b'cullhadd ilaklak fejn ma jifemx ma niehdu xejn u ma naslu imchien.

L'ittra li bgħattlu ì dina:

60, Strada Loggia, Rahal Ġdid, il 11 ta Jannar 1928.

Revmu: Patri u Habib,

Il Vicariu tal Iskof, Mons. Camilleri, għarrafni b'ittra li inti gejt incaricat mil Iskof mahbub tagħna biex iddawwalni fuk dac collu li anche mil bogħod imiss ir-Religion imkaddsa tagħna, billi jena ma irrid li jidher xejn fiha li ma jcunx in perfetta armonia mal fehma u ix-xeŭkat tal mahbub Ragħaj tagħna.

Inti forsi gia krajt il polemica li emm bejn id-direttur tal "Habib" u is-Sur Orlando fil "Hmar" fuk il Land-Tax, igifieri jecc ix contra il fehma tal immortali Papa Liun XIII bir-*"Rerum Novarum"* tigħu jeu le.

Jena bi hsiebi nicteb fit-tul, fin-Nahla, fuk dina il question tant important, u specialment billi il Land-Tax ì fil program tal Labor Party, u għalecc nitolboc tgħarrafni mil actar fis u fit-tul min u għala għandu ragiun bejn iż-żewġ polemisti u x'inù it-tgħallim tal Cnisja Mkaddsa fuk dina il question li xegħlet il Gżira bi hġara u hawwdet il coxienza ta bosta ucoll.

Jecc tagħmilli il piacir li tibgħatli ic-citazioni mil aħjar autorità favur jew contra jena nibkagħlec obligat hafna.

Fil hin li nirringraziac b'kalbi coll'a anticipatament għall favur cbir tigħec, nitolboc li tgħoddni bhala l'ammiratur sincier u habib devot tigħec,

Prof. Augustin Levanzin
Direttur tan-"Nahla".

* * *

L'articoli li chiteb is-Sur Giusè Orlando fuk il Land Tax fil "Hmar" uma ragiunati tassew u uma mictubin bla ebda fanatismu jew malizia ta tixwix. Iżda l'actar haġa importaut li fiom ì li uma mimlia b'hafna citazioni mil aħjar autorità tal Cnisja, minn Santu Wistin sad-delegat tal Papa Liun XIII, Mons. Satolli. Il "Habib" ma cita l'ebda wahda,

p. 102, A SMALL CUP OF COFFEE CONTAINS 1. 7 GRAINS OF THESE PURINS AND A CUP OF TEA CONTAINS 1.2 GRAINS OF METHYL PURINS. Therefore coffee and tea are especially contraindicated in cases of gouty, sclerotic and nefritic patients (suffering from diseased kidneys).

DR. ARNOLD LORAND, author of "Old Age Deferred" and many other valuable medical books, in his excellent work on "Rational Diet", writes: "Owing to the increased blood pressure caused by the caffeine, the use of coffee should be forbidden in arteriosclerosis (hardening of the arteries).

PROF. VON NOORDEN, the eminent fisician of Vienna (Austria), the author of so many epoch-making works on metabolism, and considered as one of the greatest diet experts in the world, strikes coffee out of his purin—free diet list. Laboratory experiments by LEHMANN, ALBANESE, BONDZYNSKI, GOTTLIEB, KRUGER, SALOMON, SCHMIDT, SCHITTENHELM, HESS, SCHMOLL, HAIG, TAYLOR, and quite recently by PROF. GANO BENEDICT of the Carnegie Institute prove that after the digestion of coffee, tea and even cocoa, the quantity of the uric acid in the urine is increased. The eminent fisiological chemist, LAFAYETTE B. MENDEL, of Yale University, and his assistant, EMMA L WARDELL, conducted detailed and thoro experiments along the same line of work and came to the conclusion that "from the results it is evident that the ingestion of large quantities of coffee is followed by a marked increase in the quantity of the uric acid excreted". (Journal American Medical Association, June 19, 1917). Therefore, I do not advise anyone to drink coffee, tea and even cocoa (chocolate included) if one wants to get rid of rheumatism and not to make worse the condition of the heart and kidneys, and the hardening of the arteries. If one cannot break the habit entirely one can use occasionally some decaffeinated ceffee, or better a cup of chicory.

HARVEY W. WILEY, M. D., the eminent food chemist and director of the "Good House-Keeping Bureau of Foods" adds his emfatic voice to the consensus of scientists by writing: "In my opinion caffeine beverages (coffee, tea, cocoa, chocolate, etc) ARE ALL HARMFUL INCLUDING ESPECIALLY COCA-COLA."

Fi ftit cliem dawna l'autoritajet famusi coll'a jiccundannaw l'usu mux biss tal cafe u it-te iżda ucoll tal cawcaw, tac-cicculata, tal Coca-Cola u ta ohrajn li fiom il caffeina (velenu tal kalb) u l'acidu uricu li, scond bosta tobba orrief ù il cagiun tar reumatismu, tal gotta, tal artrite, tal arteriosclerosi (ebusia tal arterii), tal mard tal cliewi etc. L'ahjar li tamlu biex taktuom usaw chiccra cicwejra bil asel floc iz-zoccor abjad li ù hazin ucoll chif ad infeimcom actar il kuddiem u nfissrilcom il ghala. Ibdew allankas nakksu innumru tal chiccri li tixorbu. Il kuddiem naticom articolu sabih fuk il *purini* (veleni).

## X'TAKRAW ?

L' "Atlantic Monthly" wahda mil ahjar u mil akwa rivisti ta li Stati Uniti u li ì dejjem mictuba mil ahjar chittieba americani, dan l'ahhar ghamlet concors, u wieghdet elfejn lira sterlina premiu, li min jicteb l'ahjar romanz, bl'inglis, biex jigi ippublicat f'dina ir-rivista. Il premiu haditu mara, MAZO DE LA ROCHE, u l'isem tar-romanz premiat ù "JALNA". Il giuria iddichiarat li ù: "the most interesting novel of any kind, sort or description" li sabet fost eluf ta manoscritti li gew ippresentati ghall concors. Il famusa scrittrici u critic americana Frances Lamont Robbins chitbet review dettaljat fuk dana ir-romanz fl OUTLOOK, li minnu niehu dana:—"You will undoubtedly enjoy the book because it has the most direct of appeals: it is a picture book. As to the style of writing, that is fresh and brisk. There are passages of able composition...when she is supposed to be writing she is actually drawing caricatures, and there is the secret of her book's success in catching outright the readers' attention." Jena sgur li jecc tordnawh ghand il Libreria Cretien ta Strada Reale, il Belt, igibuh mil America mil actar fis.

—Il "MY ANTONIA" ta WILLA CATHER, scrittrici ohra americana, ù, scond il cbir criticu Mencken, l'akwa u l'ahjar romanz li katt chitbu l'americani. Jena krajtu darbtejn u ghoġobni tassew iżda biex tifmu u tiggustah sewwa trid tcun ghixt jew almenu żort il paisi li tiddescrivi u taf tajjeb il carattru tal personaggi li tpingi bil pinna meraviljusa tahha fih.

—Jecc tridu takraw romanz caratteristicu, dac li jiddescrivi bil kawwa u it-terrur collu l'intensità u l'eccessi tal passioni sardinisi, dac li chien ir-ragiun principali li ghalih il famusa scrittrici taliana, GRAZIA DELEDDA hadet il premiu Nobel, akraw il "LA MADRE" tahha. Cûllhadd ifahhar dana bhala l'ahjar romanz taghha, ghad li jena nippreferixxi l' "ELIAS PORTOLU", u ì stess, fl'interview li chelli mahha ta sigha shiha f'Ruma, fis-17 ta Novembru li ghadda, kaltli li tippreferixxi "LE CANNE AL VENTO", "LA FUGA IN EGITTO" u l' "ANNABELLA BILSINI" li hareġ dan l'ahhar. Dana il premiu Nobel ù unur cbir tassew. Min jirbhu jehu £8,000. Chien iffondah, ma ohrajn tax-Xienza, tal Paci, etc., il cbir chimicu Svedis Nobel, dac li ivvinta id-dinamite u li minna chien sar arci-miliunariu u ghalecc sata jhalli dawn il premii coll'a. S'issa żewġ nisa biss hadu dana il premiu: Selma Lagerloff, ir-romanziera famusa svedisa u Grazia Deledda. Dana ù unur cbir ghall Italya. Carducci chien hadu ucoll.

Il biċċa stramba fuk dan il premiu li hadet Deledda ì li ftit wisk mir-romanzi tahha uma tradotti f'lingui ohra. Lili kaltli li ghanda tnejn tradotti bli svedis u li dawn xerrdu isima fli Svezia u li chienu actarx il cagiun li hadet dal premiu. U haditu ghall kalb tajjba u hanina li ghanda. Kaltli li darba mar ghanda scrittur svedis li sab ruhu f'Ruma quasi bil ġuh, u talaba tghinu isib xi xoghol letterariu, bhala traduttur. Dina ma setghitx issiblu u biex ma thallihx imut bil ġuh geghlitu, biex ma tumiliahx billi tatih biss carità, jittraduci tnejn mir-romanzi tahha u li ma mbaghad sab editur svedis li stampaom u li intghoġbu wisk u actarx fethu il bieb tas-success tahha f'dac il pais progressiv u illuminat. Zewġ romanzi minn tahha biss uma tradotti bl'iuglis, u l'actar fostom li jimxi u "La Madre".

Iżda fl'Italya ì stmata tassew u ì wahda mit-tliet nisa li Mussolini dahhal fl'Accademia Taliana tal Immortali. Mil "OUTLOOK" niehu dana: "The bent of the author is distinctly tragic, and she has been especially fond of describing the wild nature of the people of her own birthplace, Sardinia. "The Mother", which led to the Nobel award, is peculiarly and devastatingly tragic and sad. It is, however, in point of art, almost perfect; and as we read of the temptation of the son, a priest, and the sorrow and final death of the mother, we are profoundly moved. Pirandello, who all but stands at the head of Italian literature of our day, has called this book one of the greatest novels in the Italian language.

"On the appearance of "The Mother", four years ago the Outlook review said of it: "The subject is tragic, the emotion aroused is poignant (a much abused word, but precisely correct here, and the soundness of the psychology and the intensity of human passion and despair make the story a little masterpiece".

Jena cont wiehed mil ewwel ammiraturi ta Grazia Deledda meta chienet ghada f'Sardinya u bdiet ticteb l'ewwel romanzi taghha. Cont icconoxxejt isima fir-'Roma Letteraria' tal Boccafurni li chienet rivista tajjba tassew. Cont krajt l' "Elias Portolu" li bih chienet holkot il fama letteraria taghha li minn dac iż-zmien, fuk il ghoxrin sena ilu, ma fitlet katt.

Deledda ì miżżewġa u ir-ragel taghha, educat u gentili hafna, jinsab impiegat mal Gvern Talian. Ghanda żewġ titfal imfarfrin la ghanda mas-sittin sena u xaghara ù abjad kotna. Ì mara modesta u minn taghna tassew, u meta tfahhara titfixchel kisa tfajjla hierġa mil cunvent.

Dana il premiu Nobel jaghmila, bhalma gia ghidtila, miliunaria f'kasir żmien, billi issa ir-romanzi taghha coll'a jiġu tradotti bl'inglis u fl'America jimbighu ferm u jhallu hafna klih u mil profitti li takla mir-royalty u mil films ma iddumx ma tcun tista tghix f'isbah villa fir-Riviera bhal ma ghamel habibi Blasco Ibañez ghad li did-darba Deledda kalghitu barra mil premiu Nobel li ilu jistenna hafna. Jena niehu gost tassew meta nara mara istruita tittrionfa.

